MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 2/2014

**A B**

**vs**

**C D;**

**Direttur tar-Registru Pubbliku; u**

**Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina**

**li permezz tad-digriet datat 13 ta' Frar 2014 gew nominati bhala**

**kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri E D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. “Illi l-attrici u l-konvenut C D kellhom relazzjoni li llum intemmet;

2. Illi matul din ir-relazzjoni, tnisslet u twieldet il-minuri Shanice D, fit-13 ta' Gunju 2008;

3. Illi fis-17 ta' Settembru 2011 twieldet E D, u giet registrata fl-att tat-twelid taghha bl-isem u l-kunjom ta' E D, bint C D u Rose Anne B;

4. Illi minhabba li A B u C D kellhom relazzjoni ta' natura serja, l-esponenti hasbet li C D huwa missier il-minuri E D;

5. Illi, fil-fatt, kif jindika mir-rizultat tat-testijiet tad-DNA, il-konvenut C D m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri E D;

6. Illi, l-indikazzjoni ta' C D bhala l-missier tal-minuri E D fl-Att tat-Twelid hija zbaljata, u dan l-izball sar da parti ta' l-esponenti;

7. Illi l-missier bijologiku ta' E D m'huwiex maghruf;

8. Illi l-esponenti giet ammessa ghall-benificcju tal-ghajnuna legali.”

i. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut C D m'huwiex il-missier naturali tal-minuri E D;

ii. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri E D, liema att ghandu n-numru 3721/2011, kull referenza ghall-konvenut C D,

senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier konvenut C D, u jekk l-istess missier tal-konvenut C D huwiex haj jew mejjet, l-eta' tal-konvenut, u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-konvenut C D u li jidher mill-att tat-twelid citat, u minflok jitnizzel "missier mhux maghruf";

iii. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjonijiet kollha necessarji u ukoll fis-sens illi l-isem u kunjom il-minuri, E D, isir jaqra E B;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku[1] li permezz taghha eccepixxa:-

1. “Illi preliminarjament l-espanent jistqarr li hu mhuwiex edatt mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttarji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-espanent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati tal-minuri E D[2] li permezz taghha iddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D[3] li permezz taghha s-sottometta:

“Li huwa jaqbel mat-talbiet attrici; li jikkonferma l-awtenticita tad-DNA Paternity Test report dok anness mar-rikors guramentat tal-attrici u jinforma lil Qorti li anke sar ftehim bejn l-l-attrici u l-esponenti sabiex l-istess attrici tirrifondi lura lill-esponenti l-flus li kien ghaddielha bhala manteniment tal-minuri.

[1] Fol. 38
[2] Fol. 41
[3] Fol. 44

Li huwa ma ghandux ibati spejjez.".

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

L-attrici xehdet bil-mezz tal-affidavit[4]. Tghid hekk:-

"Nghid illi ltqajt ma' C D f'April tas-sena elfejn u seba' (2007). Sirt naf lil C D minhabba li kellna hbieb komuni. Tlett xhur wara li bdejt nohrog mieghu indunajt li hrigt pregnant u fit-13 ta' Gunju 2008 twieldet Shanice D. Ahna kellna realzzjoni pjuttost stabbli, izda ma konniex nghixu flimkien.

F'Jannar tas-sena 2011 kont indunajt li ergajt kont pregnant u fis-17 ta' Settembru 2011 twieldet E D. Minhabba li jien kont ghadni nohrog ma' C D assumejt li E D hija ukoll wild ta' C D, u in fatti, C D gie mnizzel bhala missier il-minuri.

Nghid illi fi Frar tas-sena 2013 jien u C ma bqajniex flimkien. C D beda jisuspetta illi l-minuri E D mhijiex bintu naturali, u beda issaqsi sabiex issuru DNA tests. Saru d-DNA tests u irrizulta illi C D mhuwiex il-missier bijologiku ta' E D. Ghalhekk l-indikazzjoni ta' C D bhala missier il-rninuri E D hija zbaljata, u dan l-izball sar da parti tieghi.

Nispjega illi jien bdejt dawn il-proceduri legali sabiex C D ma jibqax jidher bhala missier il-minuri E D. Nghid ukoll illi il-missier ta' E D mhuwiex maghruf. Minhabba dan kollu, nixtieq illi l-isem u l-kunjom tal-minuri E D jinbidel u jsir E B.

[4] Fol. 53

Nghid illi jien u C D tkellimna fuq din il-haga u it-tnejn li ahna irridu illi l-izball li sar fuq ic-certifikat tat-twelid tal-rninuri E D jigi irrangat. Nghid ukoll illi minhabba illi jien u C D ahna genituri tal-minuri Shanice D, l-ewwel wild tieghi, ahna nippruvaw inzommu relazzjoni amikevoli kemm jista' jkun. In fatti, il-minuri Shanice D tqatta' hafna hin ma' missierha C D."

L-attrici resqet bhala xhieda lil Dr Marisa Cassar li permezz ta' affidavit mahluf u pprezentat fit-3 ta' Gunju 2014[5] xhedet hekk:-

"Paul Sultana ghaddieli l-kampjuni orali (buccal swabs) ta' Rose Anne B ID No. 128385M, ta' E D u ta' Cl D ID No.14988M sabiex ikunu jistghu isiru t-testijiet ta' DNA (Paternity test).

Mit-testijiet li ghamilt irrizulta illi Cl D (ID No.14988M) mhux il-missier naturali ta' E D. Dan ir-rizultat jinsab dikjarat fir-rapport PT130856 li jien iffirmajt."  Ir-rapport tad-DNA jinsab ezebit a fol. 68.

**Konsiderazzjonijiet**.

Mill-provi prodotti gie sodisfacentement ippruvat illi l-konvenut C D ma hux missier il-minuri E D. Fit-trobbija tal-minuri illum il-gurnata l-konvenut C D ma jinkwadrax.  Ir-rifjut da parti ta' Cl D li jkollu sehem fit-trobbija tal-minuri jimmanifesta ruhu fil-ftehim milhuq bejn l-attrici u l-konvenut D u rifless fl-iskrittura ta' bejniethom iffirmat fit-22 ta' Jannar 2014[6] fejn addirittura l-attrici hallset lura lil C D l-manteniment li kien lehaq hallas lill-attrici fir-rigward tal-minuri li issa irrizulta li ma hiex bintu.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposti guramentati tal-konvenut Direttur, tal-konvenut D u tal-kuraturi deputati, tilqa' t-talbiet attrici:-

[5] Fol. 67
[6] Fol. 46

1. Tiddikjara li l-konvenut C D ma hux il-missier naturali tal-minuri E D.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq l-att tat-twelid tal-minuri E numru 3721/2011 isem il-konvenut C D u l-konnotati kollha tieghu, u minflok jitnizzel “missier mhux maghruf”.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjonijiet kollha necessarji fis-sens illi kunjom il-minuri E jigi jaqra “B”.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------